**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Settembru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**-vs-**

**Christian Bonello, detentur ta' Karta tal-Identità numru 496975M;**
**u**
**Anderton Bonello detentur ta' Karta tal-Identità numru 19202L**

*Kumpilazzjoni Nru. 752/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati Christian Bonello u Anderton Bonello u ċioe` talli:

> Nhar it-22 ta' Diċembru 2022, għal ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl (21:00hrs) waqt li kienu fi Triq it-Tifkira, Paola, Malta-
>
> Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu f'periklu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura gravi skond kif iċċertifikat minn Dr. Charlene Bondin, numru ta' reġistrazzjoni 4239 u dan bis ksur tal-artikoli 214, 215, 216(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija sabiex tipprovdi għal Christian Penza, jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputati b'obbligazzjoni tagħhom nnifishom taħt penali

ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' trattament għal benefiċċju tal-imputati u dan ai termini tal-artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Finalment il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu għall-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-13 ta' Marzu, 2023,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-Artikoli 214, 215, 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2023 l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2023 l-imputati ammettew l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom, il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jerġgħu lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm jikkonsultaw mal-abbli difensuri tagħhom.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

---

[1] Fol.137
[2] Fol.139

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni addebitata lilhom kif minnhom ammessa.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, tal-fedina penali tagħhom li ma joħolqu ebda preokkupazzjoni għal Qorti, u taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament ta' dak li ġie kkonstatat mill-Probation Officers rispettivi li ħejjew il-*Pre-Sentencing Reports.*

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn twettqet vjolenza gratwita, tenut ta' dak li ġie determinat mill-Probation Officers, l-ammissjoni tal-imputati, u c-ċirkostanzi tal-każ fejn Anderton Bonello għadu jibda ħajja ta' żgħożija u fejn għalhekk qed jingħata opportunita li żball kommess minnu ma jiddeterminax il-kumplament ta' ħajtu u jiċċappas mal-ħajja karċerarja, il-Qorti hi tal-fehma li piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja.

Fil-każ tal-imputat Christian Bonello, il-Qorti ma tistax tinjora li t-trobbija ta' dan ir-raġel ukoll kienet mifnija minn numru ta' aspetti negattivi. Hu sperat li b'din l-aħħar opportunita, Christian jgħarraf iż-żball tiegħu, u konxju li hemm piena karċerarja tistennih f'każ li jxellef difrejh mal-Ġustizzja, u sperat li jżommx il-bogħod minn xi aġir kriminuz.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni addebitata lilhom, u tikkundanna lil **Christian Bonello** għal piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien tlett (3) snin millum, filwaqt li fil-konfront ta' **Anderton Bonello,** bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin millum.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€316.00** rappreżentanti spejjez peritali bejniethom.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur tal-Christian Penza u familtu għal żmien tlett (3) snin millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħataw l-għajnuna psikoloġika meħtieġa kif ukoll trattament ta' *anger management*. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**